

Brussell, 21 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13940/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0346(NLE)

ECOFIN 1080
UEM 300
FIN 1134

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Ottubru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 562 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1351 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika tal-Latvja biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 562 final.

Mehmuż: COM(2022) 562 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.10.2022
COM(2022) 562 final

2022/0346 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1351 li tagħti appoġġ
temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika tal-Latvja biex jittaffew
ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 (“ir-Regolament SURE”) jistabbilixxi l-qafas legali għall-għoti ta’ assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Istati Membri, li qed jesperjenzaw taqlib ekonomiku sever ikkawżat mit-tifqigħa tal-COVID-19, jew li huma mhedda serjament minn tali taqlib. L-appoġġ bis-saħħa ta’ SURE jservi għall-finanzjament, primarjament, ta’ skemi ta’ xogħol b’ħinijiet iqsar jew miżuri simili mmirati biex jiproteġu l-impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom u b’hekk inaqqsu l-inċidenza tal-qgħad u t-telf tad-dħul, kif ukoll għall-finanzjament, bħala wieħed anċillari, ta’ xi miżuri relatati mas-saħħa, b’mod partikolari fuq il-post tax-xogħol.

Fis-7 ta’ Awwissu 2020, il-Latvja talbet assistenza finanzjarja mill-Unjoni u fil-25 ta’ Settembru 2020, bid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2020/1351 tagħha, il-Kunsill ta assistenza finanzjarja lil-Latvja bil-ħsieb li jikkomplementa l-isforzi nazzjonali tagħha biex tindirizza l-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19 u tirrispondi għall-konsegwenzi soċjoekonomiċi tat-tifqigħa għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom.

Fil-11 ta’ Marzu 2021, il-Latvja talbet assistenza finanzjarja mill-Unjoni skont ir-Regolament SURE. B’segwitu għal din it-talba, id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1351 ġiet emendata bid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/677 tat-23 ta’ April 2021.

Fis-6 ta’ Ottubru 2022, il-Latvja talbet assistenza finanzjarja mill-Unjoni skont ir-Regolament SURE.

F’konformità mal-Artikolu 6(2) tar-Regolament SURE, il-Kummissjoni kkonsultat lill-awtoritajiet Latvjani biex tivverifika ż-żieda għall-għarrieda u qawwija fin-nefqa effettiva u ppjanata relatata direttament ma’ miżuri tas-suq tax-xogħol u miżuri relatati mas-saħħa, kawża tal-pandemija tal-COVID-19. B’mod partikolari, dan jirrigwarda l-miżuri eżistenti msemmija fid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1351:

- (a) il-kamp ta’ applikazzjoni ta’ skema eżistenti għall-kumpens tal-ħin inattiv għall-ħaddiema jitwessa’ b’modi differenti: (i) billi testendih għal persuni impjegati fl-industrija tas-sbuħija, (ii) billi tagħmel lill-persuni li bidlu t-trattament tat-taxxa tagħhom mill-2021 eliġibbli għall-appoġġ, (iii) billi ttejjeb il-kundizzjonijiet ta’ kwalifika għal min iħallas il-privattivi u (iv) billi tippermetti lill-benefiċjarji jagħżlu bejn żewġ kriterji ta’ kwalifika biex japplikaw għall-appoġġ. L-iskema tħallas lill-impjegati assenti bil-permess jew lill-persuni li jaħdmu għal rashom kumpensi ta’ 50 % jew 70 % tas-salarji jew l-introjti tagħhom, skont ir-reġim tat-taxxa li joperaw fih. Il-livell minimu ta’ appoġġ huwa stabbilit għal EUR 500 u l-massimu għal EUR 1 000 għal kull impjegat għal kull xahar kalendarju. Dik l-iskema tapplika għall-kumpaniji, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għall-pagaturi tat-tariffa tal-liċenzja, li l-introjtu tagħhom mill-attività ekonomika naqas b’mill-inqas 20 %, meta mqabbel ma’ Awwissu-Ottubru 2020 bħala medja.

- (b) mehmuża mal-iskema għall-kumpens tal-ħin inattiv għall-ħaddiema hemm skema eżistenti għall-bonus tal-ħaddiema għat-tfal li tipprovdi appoġġ addizzjonali lill-impjegati assenti bil-permess li jkollhom tfal dipendenti. Il-bonus jammonta għal EUR 50 fix-xahar għal kull wild.
- (c) skema eżistenti għas-sussidji tal-pagi testendi l-perjodu ta' appoġġ sat-28 ta' Frar 2022, tespandi l-kamp ta' applikazzjoni tal-eliġibbiltà billi tippermetti lill-benefiċjarji jagħżlu bejn żewġ kriterji ta' kwalifika biex japplikaw għall-appoġġ, tneħħi r-riskju ta' kumpens żejjed, tiċċara r-restrizzjonijiet ta' eliġibbiltà għal min iħallas il-privattivi kif ukoll tillimita l-eliġibbiltà għall-appoġġ minn Ottubru 2021 sa Frar 2022 għal persuni li għandhom ċertifikat tal-COVID-19 li jattesta t-tilqim kontra l-COVID-19 jew il-fatt ta' mard. L-appoġġ huwa disponibbli għall-impjegaturi li qed jiffaċċjaw tnaqqis fid-dħul minn kwalunkwe attività ekonomika b'mill-inqas 20 %. L-iskema tammonta għal 50 % tal-paga grossa medja fix-xahar, iżda mhux aktar minn EUR 500 għal kull xahar kalendarju. L-impjegaturi benefiċjarji huma obbligati jżommu l-impjeg tal-ħaddiema appoġġati u li jissupplimentaw is-sussidju tal-pagi għall-paga regolari sħiħa.
- (d) benefiċċju tal-mard eżistenti relatat mal-COVID-19 huwa estiż sat-28 ta' Frar 2022 u ristrett għal persuni li għandhom ċertifikat tat-tilqim kontra l-COVID-19 jew li rċevew opinjoni dwar il-ħtieġa li jiġi pospost it-tilqim kontra l-COVID-19. Il-benefiċċji tal-mard jiġu mħallsa kompletament mill-Istat għal dawk li kellhom jitilfu x-xogħol minħabba l-obbligu ta' awtoiżolament jew awtokwarantina, filwaqt li normalment parti mill-benefiċċju tal-mard jinqasam mal-impjegatur.
- (e) Miżura eżistenti li tikkonsisti f'benefiċċji ta' għajjnuna għall-ġenituri u l-indokraturi jagħtu appoġġ lill-impjegati li ma jistgħux jaħdmu mill-bogħod u li jkollhom jieħdu ħsieb tfal taħt l-età ta' 10 snin jew persuni b'diżabilità meta l-iskejjel u ċ-ċentri ta' kura matul il-jum jingħalqu minħabba t-tifqigħa tal-COVID-19. Il-benefiċċju jammonta għal 60 % tal-paga medja tal-benefiċjarju fl-aħħar 12-il xahar. L-impjegatur tal-benefiċjarju jrid jiċċertifika l-inabbiltà li jaħdem mill-bogħod u l-iskola jew il-muniċipalitá trid tikkonferma l-għeluq tal-iskola jew in-nuqqas ta' disponibbiltà tas-servizzi ta' kura matul il-jum.
- (f) in-nefqa eżistenti relatata mas-saħħa fit-tagħmir ta' protezzjoni personali u provvisti mediċi oħra sabiex jiġu żgurati s-saħħa u s-sikurezza tal-impjegati tas-settur pubbliku, b'mod partikolari, il-ħaddiema tal-kura tas-saħħa.
- (g) miżura eżistenti li tikkonsisti fi primjums għall-prattikanti mediċi u l-impjegati li jittrattaw il-kriżi tal-COVID-19 biex jiġu ppremjati għax-xogħol tagħhom f'kundizzjonijiet ta' riskju u ammont ta' xogħol akbar. Dawn il-primjums minn 20 % sa 100 % tas-salarji ta' kull xahar tagħhom jaqbżu l-primjums massimi permessi għall-impjegati pubbliċi.

Il-Latvja tat l-informazzjoni rilevanti lill-Kummissjoni.

Wara li qieset l-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni qed tipproponi lill-Kunsill biex jadotta Deċizzjoni ta' Implimentazzjoni biex tingħata assistenza finanzjarja lill-Latvja bis-saħħa tar-Regolament SURE b'appoġġ għall-miżuri ta' hawn fuq.

Il-miżuri relatati mas-saħħa, kif mitlub mil-Latvja, inkluż fis-6 ta' Ottubru 2022, jammontaw għal EUR 70 921 236.

- **Konsistenza ma' dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-proposta preżenti hija kompletament konsistenti mar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672, li l-proposta qed issir bis-saħħa tiegħu.

Din il-proposta ġejja apparti strument ieħor tal-liġi tal-Unjoni li jipprovdi appoġġ lill-Istati Membri f'każ ta' emerġenza, jiġifieri r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jstabilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) ("ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002"). Ir-Regolament (UE) 2020/461 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jemenda dak l-istrument biex jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu biex ikopri emerġenzi tas-saħħa pubblika maġġuri u biex jiddefinixxi operazzjonijiet speċifiċi eliġibbli għall-finanzjament, ġie adottat fit-30 ta' Marzu 2020.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija parti minn firxa ta' miżuri żviluppata b'reazzjoni għall-pandemija attwali tal-COVID-19 bħall-"Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus", u tikkomplementa strumenti oħra li jappoġġjaw l-impjiegi bħall-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS)/InvestEU. Bl-użu ta' għoti u teħid b'self f'dan il-każ partikolari tat-tifqigħa tal-COVID-19 għall-appoġġ tal-Istati Membri, din il-proposta taġixxi bħala t-tieni linja ta' difiża biex jiġu ffinanzjati skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili, biex jiġu protetti l-impjiegi u b'hekk l-impjegati u l-persuni li jaħdmu għal rashom kontra r-riskju tal-qgħad.

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għal dan l-istrument hija r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta ssegwi talba tal-Istati Membri u turi solidarjetà Ewropea billi tipprovdi assistenza finanzjarja tal-Unjoni fil-forma ta' self temporanju lil Stat Membru affettwat mit-tifqigħa tal-COVID-19. Bħala t-tieni linja ta' difiża, tali assistenza finanzjarja tappoġġa ż-żieda fin-nefqa pubblika tal-gvern fuq bażi temporanja fir-rigward tal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili biex tgħinhom jiproteġu l-impjiegi u b'hekk lill-impjegati u lill-persuni li jaħdmu għal rashom kontra r-riskju ta' qgħad u telf ta' introjtu.

Tali appoġġ se jgħin lill-popolazzjoni affettwata u jgħin biex itaffi l-impatt dirett fuq is-soċjeta' u fuq l-ekonomija kkawżat mill-kriżi attwali tal-COVID-19.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tosserva l-prinċipju tal-proporzjonalità. Hija ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet tal-istrument.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Minħabba l-urġenza biex titħejja l-proposta u biex tkun tista' tiġi adottata fil-ħin mill-Kunsill, ma setgħetx titwettaq konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Minħabba n-natura urġenti tal-proposta, ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tikkuntratta self fis-swieq finanzjarji bl-għan li tisilfu lill-Istat Membru li jkun qed jitlob assistenza finanzjarja taħt l-istrument SURE.

Minbarra l-provvediment tal-garanziji tal-Istat Membru, hemm salvagwardji oħra fil-qafas sabiex tiġi żgurata s-solidità finanzjarja tal-iskema:

- Approċċ rigoruż u konservattiv għal ġestjoni finanzjarja;
- Kostruzzjoni tal-portafoll ta' self li jillimita r-riskju ta' konċentrazzjoni, skopertura annwali u skopertura eċċessiva għal Stati Membri individwali, filwaqt li jiġi żgurati li jistgħu jingħataw riżorsi suffiċjenti lill-Istati Membri li huma l-aktar fil-bżonn; kif ukoll
- Possibbiltajiet ta' riportament tad-dejn.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1351 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika tal-Latvja biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 tad-19 ta' Mejju 2020 dwar l-istabbiliment ta' Strument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE) wara t-tifqigha¹ tal-COVID-19, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara talba mingħand il-Latvja fis-7 ta' Settembru 2020, il-Kunsill, permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1351², ta assistenza finanzjarja lil-Latvja fil-forma ta' self li jammonta għal massimu ta' EUR 192 700 000 b'maturità medja massima ta' 15-il sena, u b'perjodu ta' disponibilità ta' 18-il xahar bil-ħsieb li tikkomplementa l-isforzi nazzjonali tal-Latvja biex tindirizza l-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19 u tirreaġixxi għall-konsegwenzi soċjoekonomiċi ta' dik it-tifqigħa għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom.
- (2) Is-self kellu jintuża mil-Latvja biex tiffinanzja l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, miżuri simili u miżuri relatati mas-saħħa, kif imsemmi fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1351.
- (3) Wara t-tieni talba mil-Latvja fl-11 ta' Marzu 2021, il-Kunsill, permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/677³ li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1351, ta assistenza finanzjarja addizzjonali ta' EUR 112 500 000 lil-Latvja billi żied l-ammont massimu ta' self għal EUR 305 200 000 b'maturità medja massima

¹ ĠU L 159, 20.5.2020, p. 1.

² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1351 tal-25 ta' Settembru 2020 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika tal-Latvja biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19, ĠU L 314, 29.9.2020, p. 38.

³ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/677 tat-23 ta' April 2021 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1351 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika tal-Latvja biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19, ĠU L 144, 27.4.2021, p. 7.

ta' 15-il sena, u b'perjodu ta' disponibbiltà ta' 18-il xahar, bil-ħsieb li jikkomplementa l-isforzi nazzjonali tal-Latvja biex tindirizza l-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19 u twieġeb għall-konsegwenzi soċjoekonomiċi ta' dik it-tifqigħa għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom.

- (4) Is-self addizzjonali kellu jintuża mil-Latvja biex tiffinanzja l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, miżuri simili u miżuri relatati mas-saħħa, kif imsemmi fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1351.
- (5) It-tifqigħa tal-COVID-19 ipparalizzat parti sostanzjali tal-forza tax-xogħol fil-Latvja. Dan wassal għal żieda f'daqqa u qawwija fin-nefqa pubblika fil-Latvja fir-rigward tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 3, il-punti (a), (c), (d), (g), (h) (f) u (i), tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1351.
- (6) It-tifqigħa tal-COVID-19 u l-miżuri straordinarji implimentati mil-Latvja fl-2020, fl-2021 u fl-2022 biex titrażżan dik it-tifqigħa u l-impatt soċjoekonomiku u l-impatt marbut mas-saħħa tagħha kellhom, u għadu qed ikollhom, impatt drammatiku fuq il-finanzi pubbliċi. Fl-2020, il-Latvja kellha defiċit u dejn tal-gvern estiż ta' 4,5 % u 43,3 % tal-prodott domestiku gross (PDG), rispettivament, li nbidlu għal 7,3 % u 44,8 % rispettivament fi tmiem l-2021. Skont il-previżjoni tar-rebbiegħa tal-2022 tal-Kummissjoni, il-Latvja hija mistennija jkollha defiċit u dejn tal-gvern estiż ta' 7,2 % u 47,0 % tal-PDG, rispettivament, sa tmiem l-2022. Skont il-previżjoni interim tas-sajf tal-2022 tal-Kummissjoni, l-PDG tal-Latvja huwa previst li jżid b'3.9 % fl-2022.
- (7) Fis-6 t'Ottubru 2022, il-Latvja talbet assistenza finanzjarja ulterjuri mill-Unjoni ta' EUR 167 607 000, bil-ħsieb li tkompli tikkomplementa l-isforzi nazzjonali tagħha li wettqet fl-2020 u fl-2021 u fl-2022 biex titratta l-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19 u tirreaġixxi għall-konsegwenzi soċjoekonomiċi ta' dik it-tifqigħa għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom. B'mod partikolari, il-Latvja introduċiet u kompliet testendi sensiela ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili msemmija fil-premessi (8) sa (12).
- (8) L-iskema għall-kumpens taż-żmien inattiv għall-ħaddiema tapplika għall-kumpaniji, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għall-pagaturi tat-tariffa tal-liċenzja, li l-introjtu tagħhom mill-attività ekonomika naqas b'mill-inqas 20 %, meta mqabbel ma' Awwissu-Ottubru 2020 bħala medja. L-iskema tħallas lill-impjegati assenti bil-permess jew lill-persuni li jaħdmu għal rashom kumpensi ta' 50 % jew 70 % tas-salarji jew l-introjti tagħhom, skont ir-reġim tat-taxxa li joperaw fih. Il-livell minimu ta' appoġġ huwa stabbilit għal EUR 500 u l-massimu għal EUR 1000 għal kull impjegat għal kull xahar kalendarju.

L-iskema hija stabbilita bir-Regolament tal-Kabinett Nru 709 (adottat fl-24 ta' Novembru 2020⁴ u emendat fit-12 ta' Jannar 2021⁵, fid-19 ta' Jannar 2021⁶, fl-4 ta' Frar 2021⁷ u fis-26 ta' Frar 2021⁸) "Regolamenti Rigward l-Allowance għall-Inattività

⁴ Latvijas Vēstnesis, 230B, 27.11.2020.

⁵ Latvijas Vēstnesis, 9A, 14.01.2021.

⁶ Latvijas Vēstnesis, 15, 22.01.2021.

⁷ Latvijas Vēstnesis, 25A, 05.02.2021.

⁸ Latvijas Vēstnesis, 48, 10.03.2021.

għal Kontribwenti għall-Kontinwazzjoni tal-Attività tagħhom fiċ-Ċirkustanzi tal-Kriżi tal-COVID-19”.

Il-miżura testendi l-iskema kif imsemmi fl-Artikolu 3(a) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1351 għal persuni impjegati fl-industrija tas-sbuħija, tippermetti lill-persuni li jkunu bidlu t-trattament tat-taxxa tagħhom mill-2021 biex jikkwalifikaw għall-appoġġ, ittejjeb il-kundizzjonijiet ta' kwalifika għal dawk li jħallsu l-privattivi kif ukoll tippermetti lill-benefiċjarji jagħżlu bejn żewġ kriterji ta' kwalifika biex japplikaw għall-appoġġ.

- (9) Mehmuż ma' din l-iskema għall-kumpens taż-żmien inattiv għall-ħaddiema hemm il-bonus tal-ħaddiema għat-tfal, kif imsemmi fl-Artikolu 3, il-punt (c), tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1351 li għalih il-Latvja titlob appoġġ addizzjonali Il-bonus ta' EUR 50 fix-xahar għal kull wild jagħti appoġġ addizzjonali lill-ħaddiema inattivi li huma intitolati għal ħelsien mit-taxxa fuq l-introjtu personali għad-dipendenti. Il-miżura ta' appoġġ ġiet estiża bl-'Ordni tal-Kabinett Nru 706 tal-1 ta' Diċembru 2020 “Rigward l-Allokazzjoni ta' Fondi mill-Programm tal-Baġit tal-Istat ‘Fondi għal Avvenimenti Imprevisti’”⁹ u l-'Ordni tal-Kabinett Nru 15 tal-11 ta' Jannar 2021 “Rigward l-Allokazzjoni tal-Fondi mill-Programm tal-Baġit tal-Istat ‘Fondi għal Avvenimenti Imprevisti’”¹⁰. Il-miżura tista' titqies bħala miżura simili għal skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2020/672, peress li tipprovdni appoġġ għad-dħul għall-impjegati u għal dawk li jaħdmu għal rashom, li se jgħin ikopri l-ispejjeż tal-indukrar tat-tfal matul l-għeluq tal-iskejjeż u b'hekk jgħin lill-ġenituri biex ikomplu jaħdmu, u r-relazzjoni tax-xogħol ma tkunx f'riskju.
- (10) L-iskema għas-sussidji tal-pagi tagħti appoġġ għall-impjegaturi li jiffaċċjaw tnaqqis fid-dħul minn kwalunkwe attività ekonomika b'mill-inqas 20 %. L-iskema tammonta għal 50 % tal-paga grossa medja fix-xahar, iżda mhux aktar minn EUR 500 għal kull xahar kalendarju. L-impjegaturi benefiċjarji huma obbligati jżommu l-impjieġ tal-ħaddiema appoġġati u li jissupplimentaw is-sussidju tal-pagi għall-paga regolari sħiħa.

L-iskema ġiet stabbilita mir-‘Regolament tal-Kabinett Nru 675 dwar “Regolamenti Rigward l-Għoti ta' Għajnuna lill-Kontribwenti għall-Kontinwazzjoni tal-Attività tagħhom fiċ-Ċirkustanzi tal-Kriżi tal-COVID19” (adottati fl-10 ta' Novembru 2020¹¹ u emendati fit-12 ta' Jannar 2021¹², fl-1 ta' April 2021¹³, fis-26 t'Ottubru 2021¹⁴, fid-9 ta' Novembru 2021¹⁵, fit-30 ta' Novembru 2021¹⁶, fis-7 ta' Diċembru 2021¹⁷, fit-23 ta' Diċembru 2021¹⁸ kif ukoll fil-11 ta' Jannar 2022¹⁹) u l-'Ordni tal-Kabinett Nru 128

⁹ Latvijas Vēstnesis, 234, 3.12.2020.

¹⁰ Latvijas Vēstnesis, 9, 14.1.2021.

¹¹ Latvijas Vēstnesis, 222A, 16.11.2020.

¹² Latvijas Vēstnesis, 9, 14.01.2021.

¹³ Latvijas Vēstnesis, 66, 07.04.2021.

¹⁴ Latvijas Vēstnesis, 211, 01.11.2021.

¹⁵ Latvijas Vēstnesis, 220, 12.11.2021.

¹⁶ Latvijas Vēstnesis, 236, 07.12.2021.

¹⁷ Latvijas Vēstnesis, 240, 13.12.2021.

¹⁸ Latvijas Vēstnesis, 249A, 27.12.2021.

¹⁹ Latvijas Vēstnesis, 9, 13.01.2022.

“Rigward l-Allokazzjoni ta’ Fondi mill-Programm tal-Baġit tal-Istat ‘Fondi għal Avvenimenti Imprevisti’”²⁰.

Il-miżura testendi l-perjodu ta’ appoġġ tal-iskema kif imsemmi fl-Artikolu 3(d) tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2020/1351 u tespandi l-kamp ta’ applikazzjoni tal-eliġibbiltà billi tippermetti lill-benefiċjarji jagħżlu bejn żewġ kriterji ta’ kwalifika biex japplikaw għall-appoġġ, tneħħi r-riskju ta’ kumpens żejjed, tiċċara r-restrizzjonijiet ta’ eliġibbiltà għal min iħallas il-privattivi kif ukoll tillimita l-eliġibbiltà għall-appoġġ minn Ottubru 2021 sa Frar 2022 għal persuni li għandhom ċertifikat tal-COVID-19 li jattesta t-tilqim kontra l-COVID-19 jew il-fatt ta’ mard.

- (11) L-iskema ta’ benefiċċji tal-mard relatati mal-Covid-19 tipprovdli benefiċċji tal-mard imħallsa mill-Istat għal dawk li kellhom jitilfu x-xogħol minħabba l-obbligu ta’ awtoiżolament jew awtokwarantina, filwaqt li normalment parti mill-benefiċċju tal-mard jinqasam mal-impjegatur.

L-iskema hija stabbilita mill-Emenda tal-Liġi “Dwar l-Assigurazzjoni tal-Maternità u tal-Mard” (adottata fl-20 ta’ Marzu 2020²¹ u emendata fit-12 ta’ Novembru 2020²², fl-4 ta’ Novembru 2021²³ kif ukoll fit-13 ta’ Jannar 2022²⁴).

Il-miżura tippredvi l-estensjoni tal-perjodu ta’ appoġġ tal-benefiċċji tal-mard relatati mal-COVID-19 kif imsemmi fl-Artikolu 3(g) tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2020/1351 u sadanittant tnaqqas il-kamp ta’ applikazzjoni tal-eliġibbiltà tal-appoġġ għal persuni li għandhom ċertifikat tat-tilqim kontra l-COVID-19 jew ċertifikat tal-mard jew li rċevew opinjoni dwar il-ħtieġa li jiġi pospost it-tilqim kontra l-COVID-19, u tispeċifika każijiet u kundizzjonijiet meta l-impjegaturi jenħtieġ li jieħdu sehem fi kwalunkwe liv minħabba mard bi ħlas lill-impjegat mingħajr appoġġ mill-Istat.

- (12) Il-benefiċċji ta’ għajjnuna għall-mard għall-ġenituri u l-indokraturi jagħtu appoġġa lill-impjegati li ma jistgħux jaħdmu mill-bogħod u li jkollhom jieħdu ħsieb tfal taħt l-età ta’ 10 snin jew persuni b’diżabilità meta l-iskejjel u ċ-ċentri ta’ kura matul il-jum jingħalqu minħabba t-tifqigħa tal-COVID-19. Il-miżura tista’ titqies bħala miżura simili għall-iskemi ta’ xogħol b’ħinijiet iqsar, kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2020/672, billi din tagħti appoġġ għall-introjtura lill-ġenituri u lill-indokraturi u tgħin biex jiġu ppreservati l-impjiegi billi tipprevjeni lill-ġenituri u lill-indokraturi li jkollhom jieħdu ħsieb lil uliedhom jew lil persuni b’diżabilità meta l-iskejjel u ċ-ċentri ta’ kura matul il-jum ikunu magħluqin mill-ħtieġa li jtemmu r-relazzjoni ta’ impjieg. Il-benefiċċji ta’ għajjnuna għall-mard huma previsti fl-‘Emenda tal-Liġi “Dwar l-Assigurazzjoni tal-Maternità u tal-Mard” tas-26 ta’ Novembru 2020²⁵ u l-‘Ordni tal-Kabinett Nru 707 tal-1 ta’ Diċembru 2020 “Rigward l-Allokazzjoni ta’ Fondi mill-Programm tal-Baġit tal-Istat ‘Fondi għal Avvenimenti Imprevisti’”²⁶ u l-‘Ordni tal-Kabinett Nru 13 tal-11 ta’ Jannar 2021 “Rigward l-Allokazzjoni ta’ Fondi mill-

²⁰ Latvijas Vēstnesis, 42, 02.03.2021.

²¹ Latvijas Vēstnesis, 57B, 21.03.2020.

²² Latvijas Vēstnesis, 221A, 13.11.2020

²³ Latvijas Vēstnesis, 215A, 05.11.2021

²⁴ Latvijas Vēstnesis, 10A, 14.01.2022.

²⁵ Latvijas Vēstnesis, 230A, 27.11.2020.

²⁶ Latvijas Vēstnesis, 234, 3.12.2020.

Programmr-Riżorsi Finanzjarji għall-programm tal-Baġit tal-Istat ‘Fondi għal Avvenimenti Imprevisti’²⁷.

Il-Latvja titlob appoġġ addizzjonali għal din il-miżura eżistenti, kif imsemmi fl-Artikolu 3, il-punt (h) tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/677.

- (13) Il-Latvja kompliet testendi u tintroduċi wkoll sensiela ta’ miżuri relatati mas-saħħa biex tindirizza t-tifqigħa tal-COVID-19. B’mod partikolari, dan jikkonċerna l-miżuri stabbiliti fil-premessi (14) sa (15).
- (14) In-nefqa relatata mas-saħħa hija prevista għat-tagħmir protettiv personali għall-impjegati tas-settur pubbliku biex jiġi żgurat ambjent tax-xogħol sikur għal dawk esposti għall-infezzjoni bil-virus tal-COVID-19.

L-iskema hija stabbilita mir- “Regolament tal-Kabinett Nru 380 dwar “Regolamenti dwar ir-Riżorsi għall-Iżgurar ta’ Sikurezza Epidemjoloġika meħtieġa għall-Istituzzjonijiet Inklużi fil-Lista ta’ Istituzzjonijiet u Ftigijiet Prijoritarji” (adottat fid-9 ta’ Ġunju 2020²⁸).

Il-Latvja titlob appoġġ addizzjonali għall-miżura eżistenti, kif imsemmi fl-Artikolu 3, il-punt (f) tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2020/1351.

- (15) Il-primjums għall-prattikanti mediċi u l-impjegati li jitrattaw il-kriżi tal-COVID-19 minn 20 % sa 100 % tas-salarji fix-xahar jippremjaw il-ħidma mwettqa f’kundizzjonijiet ta’ żieda fir-riskju u żieda fl-ammont ta’ xogħol, kif previst fl-‘Ordnijiet tal-Kabinett Nru 136 tas-27 ta’ Marzu 2020²⁹ u Nru 656 tas-6 ta’ Novembru 2020 “Rigward l-Allokazzjoni ta’ Fondi mill-Programm tal-Baġit tal-Istat ‘Fondi għal Avvenimenti Imprevisti’³⁰, l-‘Ordni tal-Kabinett Nru 743 tat-8 ta’ Diċembru 2020 “Emendi tal-Ordni tal-Kabinett Nru 655 tas-6 ta’ Novembru 2020 Dwar id-Dikjarazzjoni ta’ Stat ta’ Emerġenza”³¹ u l-‘Ordni tal-Kabinett Nru 37 tal-21 ta’ Jannar 2021 Rigward l-Allokazzjoni ta’ Fondi mill-Programm tal-Baġit tal-Istat ‘Fondi għal Avvenimenti Imprevisti’³². Dawk il-primjums huma addizzjonali għall-primjum massimu stabbilit fil-‘Liġi Dwar ir-Remunerazzjoni tal-Uffiċjali u l-Impjegati tal-Awtoritajiet Statali u tal-Gvern Lokali’. Il-miżura tappoġġa l-impjegati billi tiżgura s-sikurezza tas-saħħa tal-impjegati u l-kontinwità tas-servizzi pubbliċi essenzjali. Il-Latvja titlob appoġġ addizzjonali għall-miżura eżistenti, kif imsemmi fl-Artikolu 3, il-punt (i) tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2020/1351.
- (16) Il-Latvja tissodisfa l-kundizzjonijiet għat-talba ta’ assistenza finanzjarja stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/672. Il-Litwanja pprovdiet lill-Kummissjoni b’evidenza xierqa li n-nefqa pubblika attwali u pplanata żdiedet bi EUR 508 124 069 mill-1 ta’ Frar 2020 minħabba l-miżuri nazzjonali meħuda biex jiġu indirizzati l-effetti soċjoekonomiċi tat-tifqigħa tal-COVID-19. Din jikkostitwixxi żieda f’daqqa u

²⁷ Latvijas Vēstnesis, 9, 14.1.2021.

²⁸ Latvijas Vēstnesis, 113A, 12.6.2020.

²⁹ Latvijas Vēstnesis, 62B, 27.03.2020.

³⁰ Latvijas Vēstnesis, 218, 10.11.2020.

³¹ Latvijas Vēstnesis, 237A, 08.12.2020.

³² Latvijas Vēstnesis, 16, 25.01.2021.

qawwija minħabba li hija relatata ma' estensjoni ta' miżuri nazzjonali eżistenti dwar l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili li jkopru proporzjon sinifikanti ta' impriżi u tal-forza tax-xogħol fil-Latvja. Il-Latvja biħsiebha tiffinanzja EUR 35 317 069 permezz tal-fondi tagħha stess.

- (17) Il-Kummissjoni kkonsultat lill-Latvja u vverifikat iż-żieda għall-għarrieda u qawwija fin-nefqa pubblika effettiva u ppjanata relatata direttament mal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili, kif ukoll ir-rikors għal miżuri rilevanti relatati mas-saħħa marbutin mat-tifqigħa tal-COVID-19, kif imsemmijin fit-talba tas-6 ta' Ottubru 2022, f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2020/672.
- (18) Il-miżuri relatati mas-saħħa, kif imsemmija fit-talba tal-Latvja tas-6 ta' Ottubru 2022 u fil-premessi (14) sa (15), jammontaw għal EUR 70 921 236.
- (19) Għalhekk, jenħtieġ li tingħata assistenza finanzjarja bil-għan li l-Latvja tiġi megħjuna titratta l-effetti soċjoekonomiċi tat-taqlib ekonomiku qawwi kkawżat mit-tifqigħa tal-COVID-19. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu d-deċiżjonijiet rigward il-maturitajiet, id-daqs u r-rilaxx tal-ħlasijiet parzjali u tas-segmenti f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali.
- (20) Minħabba li l-perjodu ta' disponibbiltà indikat fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1351 skada, huwa meħtieġ perjodu ta' disponibbiltà ġdid għall-assistenza finanzjarja addizzjonali. Il-perjodu ta' disponibbiltà għall-assistenza finanzjarja ta' 18-il xahar mogħti bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1351 jenħtieġ li jiġi estiż b' 21 xahar u bħala konsegwenza l-perjodu ta' disponibbiltà totali jenħtieġ li jkun ta' 39 xahar li jibda mill-ewwel jum wara li tidħol fis-seħħ id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1351.
- (21) Jenħtieġ li l-Latvja u l-Kummissjoni jqisu din id-Deċiżjoni fil-ftehim ta' self imsemmi fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2020/672.
- (22) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kull proċedura relatata ma' distorsjonijiet tal-operat tas-suq intern li tista' titwettaq, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Din ma twarrabx il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajjnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat.
- (23) Jenħtieġ li l-Latvja tinforma lill-Kummissjoni fuq bażi regolari dwar l-implimentazzjoni tan-nefqa pubblika ppjanata, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta l-punt sa fejn il-Latvja implimentat dik in-nefqa.
- (24) Id-deċiżjoni li tingħata assistenza finanzjarja ttieħdet b'kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet eżistenti u dawk mistennija tal-Latvja, kif ukoll it-talbiet għal assistenza finanzjarja skont ir-Regolament (UE) 2020/672 diġà ppreżentati jew ippjanati li jiġu ppreżentati minn Stati Membri oħra, filwaqt li jiġu applikati l-prinċipji ta' trattament ugwali, solidarjetà, proporzjonalità u trasparenza,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1351 hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Latvja self li jammonta għal massimu ta' EUR 472 807 000. Is-self għandu jkollu maturità medja massima ta' 15-il sena.”;

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Il-perjodu ta' disponibbiltà għall-għajjnuna finanzjarja mogħtija b'din id-Deċiżjoni għandu jkun ta' 39 xahar li jibdeu mill-ewwel jum wara li din id-Deċiżjoni ssir effettiva.

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit bis-segwenti:

“4. L-ewwel ħlas parzjali għandu jiġi rilaxxat soġġett għad-dħul fis-seħħ tal-ftehim tas-self previst fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2020/672. Kwalunkwe ħlas parzjali sussegwenti għandu jiġi rilaxxat f'konformità mat-termini ta' dak il-ftehim ta' self jew, fejn rilevanti, ikun soġġett għad-dħul fis-seħħ ta' addendum għal dan, jew ta' ftehim ta' self emendat konkluż bejn il-Bulgarija u l-Kummissjoni li jissostitwixxi l-ftehim ta' self oriġinali.

(2) L-Artikolu 3 jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 3

Il-Latvja tista' tiffinanzja l-miżuri li ġejjin:

(a) l-iskema għall-kumpens ta' żmien inattiv tal-ħaddiema, kif previst fir-“Regolamenti tal-Kabinett Nru 179 (adottati fil-31 ta' Marzu 2020) ‘Regolamenti rigward l-Għotja għall-Inattività għall-Persuni li Jaħdmu għal Rashom affettwati mill-Firxa tal-COVID-19’ u Nru 165 (adottat fis-26 ta' Marzu 2020) ‘Regolamenti rigward l-Impjegaturi Affettwati mill-Kriżi Kkawżata mill-COVID-19 li huma Eliġibbli għall-Għotja għall-Inattività u Diviżjoni tat-Taxxa li Tħallset Tard fi Ħlasijiet Parzjali jew Differiment Tagħhom għal sa Tliet Snin’”, kif estiża u emendata mill-Emendi għar-

Regolament tal-Kabinett Nru 709 “Ir-Regolamenti fir-Rigward tal-Għotja għall-Inattività għall-Kontribwenti tat-Taxxa għall-Kontinwazzjoni tal-Attività tagħhom fiċ-Ċirkostanzi tal-Kriżi tal-COVID-19, fid-19 ta’ Jannar 2021, l-4 ta’ Frar 2021 u s-26 ta’ Frar 2021;

- (b) l-għotja għal żmien ta’ waqfien mix-xogħol, kif previst abbażi tar-“Regolament tal-Kabinett Nru 236 (adottat fit-23 ta’ April 2020) ‘Regolamenti Rigward l-Għotja ta’ Assistenza għall-Inattività għall-Impjegati jew għall-Persuni li Jaħdmu għal Rashom Affettwati mill-Firxa tal-COVID-19’”;
- (c) il-bonus tal-ħaddiema għat-tfal, kif previst fl- “Ordni tal-Kabinett Nru 178 tas-16 ta’ April 2020 ‘Rigward l-Allokazzjoni ta’ Fondi mill-Programm tal-Baġit tal-Istat “Fondi għal Avvenimenti Imprevisti’””, kif estiż;
- (d) l-iskema għal sussidji tal-pagi għall-industriji tat-turiżmu u tal-esportazzjoni, kif previst fir- “Rapport ta’ informazzjoni dwar miżuri biex tingħeleb il-kriżi tal-COVID-19 u l-irkupru ekonomiku”, kif estiża u emendata l-aħħar mill-Emendi għar-Regolament tal-Kabinett Nru 675 dwar “Regolamenti Rigward l-Għoti ta’ Għajjnuna lill-Kontribwenti għall-Kontinwazzjoni tal-Attività tagħhom fiċ-Ċirkostanzi tal-Kriżi tal-COVID-19” fl-1 ta’ April 2021, fis-26 ta’ Ottubru 2021, fid-9 ta’ Novembru 2021, fit-30 ta’ Novembru 2021, fit-, fis-7 ta’ Diċembru 2021, fit-23 ta’ Diċembru 2021 kif ukoll fl-11 ta’ Jannar 2022;
- (e) pagamenti ta’ appoġġ għall-paga għal professjonisti mediċi u dawk impjegati mill-industrija kulturali, kif previst fil-“Liġi dwar il-Miżuri għall-Prevenzjoni u t-Trażżin ta’ Theddid għall-Istat u l-Konsegwenzi Tagħha Minħabba l-Firxa tal-COVID-19”, u l-“Liġi dwar it-Trażżin tal-Konsegwenzi tal-Infezzjoni tal-COVID-19” u l-“Ordni tal-Kabinett Nru 303 tat-3 ta’ Ġunju 2020 ‘Rigward l-Allokazzjoni ta’ Fondi mill-Programm tal-Baġit tal-Istat “Fondi għal Avvenimenti Imprevisti’””, rispettivament;
- (f) in-nefqa relatata mas-saħħa fit-tagħmir ta’ protezzjoni personali, kif previst fl-“Ordnijiet tal-Kabinett Nru 79 tat-3 ta’ Marzu 2020, Nru 118 tal-20 ta’ Marzu 2020 u Nru 220 tas-27 ta’ April 2020, “Rigward l-Allokazzjoni tal-Fondi mill-Programm tal-Baġit tal-Istat ‘fondi għal Avvenimenti Imprevisti’””, “Regolament tal-Kabinett Nru 380 tad-9 ta’ Ġunju 2020 “Regolamenti dwar ir-Riżorsi biex tiġi Żgurata s-Sikurezza Epidemjoloġika Meħtieġa għall-Istituzzjonijiet Inklużi fil-Lista ta’ Istituzzjonijiet u Ħtiġijiet ta’ Prijorità’””;
- (g) Il-benefiċċji tal-mard relatati mal-COVID-19, kif previst fl- “Emenda għal-Liġi “Dwar l-Assigurazzjoni tal-Maternità u tal-Mard” (adottata fl-20 ta’ Marzu 2020), kif estiża u emendata l-aħħar mill-Emendi għal-Liġi “Dwar l-Assigurazzjoni tal-Maternità u tal-Mard” fl-4 ta’ Novembru 2021 u fit-13 ta’ Jannar 2022;
- (h) benefiċċji ta’ għajjnuna għall-mard għall-ġenituri u l-indokraturi, kif previst fl- “Emenda tal-Liġi “Dwar l-Assigurazzjoni tal-Maternità u tal-Mard””, (it-Taqsimiet 48 u 49 tad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali), adottati fis-26 ta’ Novembru 2020, l-“Ordni tal-Kabinett Nru 707 tal-1 ta’ Diċembru 2020 “Rigward l-Allokazzjoni ta’ Fondi mill-Programm tal-Baġit tal-Istat ‘Fondi għal Avvenimenti Imprevisti’”” u l-“Ordni tal-Kabinett Nru 13 tal-11 ta’ Jannar 2021 “Rigward l-Allokazzjoni ta’ Fondi mill-Programm tal-Baġit tal-Istat “Fondi għal Avvenimenti Imprevisti’”””;

- (i) primjums għall-prattikanti mediċi u l-impjegati li qed jittrattaw il-kriżi tal-COVID-19, kif previst fl- “Ordni tal-Kabinett Nru 136 Adottata fis-27 ta’ Marzu 2020” Rigward l-Allokazzjoni ta’ Fondi mill-Programm tal-Baġit tal-Istat “Fondi għal Avvenimenti Mhux Imprevisti”, “Ordni tal-Kabinett Nru 656 adottata fis-6 ta’ Novembru 2020 dwar l-Allokazzjoni ta’ Fondi mill-Programm tal-Baġit tal-Istat “Fondi għal Avvenimenti Mhux Mprevisti”, “Ordni tal-Kabinett Nru 743 tat-8 ta’ Diċembru 2020. “Emenda għall-Ordni tal-Kabinett Nru 655 tas-6 ta’ Novembru 2020” Dwar id-Dikjarazzjoni ta’ Stat ta’ Emerġenza "" u "Ordni tal-Kabinett Nru 37 Adottata fl-21 ta’ Jannar 2021 Rigward l-Allokazzjoni ta’ Fondi mill-Programm tal-Baġit tal-Istat ‘Fondi għal Avvenimenti Imprevisti’”’;’;

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Latvja.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*